**Tagħrif fil-qosor imwassal mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2007/C 196/08)

**Numru XA:** XA 78/07

**L-Istat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** —

**Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem tal-kumpanija benefiċjarja ta' l-għajnuna individwali::** Regeling LNV-subsidies (omschrijving steun: Gebruik adviesdiensten voor landbouwers).

**Bażi ġuridika:**

— Regeling LNV-subsidies: artikel 1:2, artikel 1:3; artikel 1:20; artikel 2:1; artikel 2:8

— Openstellingsbesluit LNV-subsidies.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** L-iskema ta' l-għajnuna hija ffinanzjata mit-*top-up* (4,35 miljun EUR) għal folja 114 tal-Programm ta' l-Iżvilupp Rurali 2007-2013.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 50 % ta' l-ispejjeż tas-servizzi ta' konsulenza, sa massimu ta' 1 500 EUR fis-sena għal kull razzett. Il-bidwi huwa eliġibbli għall-għajnuna darba kull tliet snin.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-Iskema tas-Sussidji għan-Natura u l-Kwalità ta' l-Ikel tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2007. Ma jingħatax ħlas qabel ma jiġi approvat il-Programm ta' l-Iżvilupp Rurali 2007-2013.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għotja ta' l-għajnuna individwali:** Jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan ta' l-għajnuna:** L-iskema ta' l-għajnuna tapplika għas-servizzi ta' konsulenza li mhumiex kontinwi jew rikurrenti (kif inhu l-każ tal-konsulenza ta' rutina dwar it-taxxa, servizzi legali regolari jew riklamar).

Is-servizzi ta' konsulenza eliġibbli għandhom ta' l-anqas jirrelataw ma' dan li ġej:

— ir-rekwiżiti maniġerjali statutorji u l-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali pożittivi li jirreferu għalihom l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-Annessi III u IV tiegħu;

— standards ta' sikurezza fuq ix-xogħol ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Barra dan, is-servizzi ta' konsulenza jistgħu jirrelataw ukoll ma' soġġetti marbuta ma' l-iżvilupp tar-razzett, bħal:

a) servizzi ta' konsulenza fir-rigward ta' riċerka li teskludi l-verifiki tal-kwalità u ttestjar tal-prodott, biex jitwettqu mill-esperti sabiex jiżviluppaw prodotti agrikoli ta' kwalità tajba;

b) l-iżvilupp tan-negozju (li jinkludi t-twaqqif ta' razzett, modernizzar u l-espansjoni);

c) il-waqfien tal-biedja;

d) l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' kwalità fir-razzett;

e) il-ġestjoni tar-riskju

f) it-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni tar-razzet għall-ilma u n-natura;

g) l-iżvilupp ta' partenarjati.

L-iskema ta' għajnuna hija konformi ma' l-Artikoli 15(2)(c), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur(i) kkonċernat(i):** Il-kumpaniji agrikoli kollha li jipproduċu prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Ministerie van Landbouw Natuur en Voedselkwaliteit
Postbus 20401
2500 EK Den Haag
Nederland

**Websajt:** ww.minlnv.nl/loket

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 79/07

**Stat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** Il-provinċji ta' (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant tat-Tramuntana, l-Olanda tat-Tramuntana, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda tan-Nofsinhar, Limburg tan-Nofsinhar)

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Provinciale subsidieverordeningen (omschrijving steun: Instandhouding en opwaardering van het landelijk erfgoed, onderdeel instandhouding van traditionele landschappen en gebouwen).

**Bażi ġuridika:**

— Artikel 11, derde lid, Wet inrichting landelijk gebied

— Provinciewet: artikel 105, artikel 145, artikel 158.

Provinciale subsidieverordeningen:

— Drenthe: artikel 3 van de Subsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied

— Gelderland: artikel 2 van de Subsidieregeling vitaal Gelderland 2007

— Groningen: artikel 9 van de Uitvoeringsregeling subsidies inrichting landelijk gebied 2006

— Flevoland: artikel 2 van de Subsidieregeling inrichting landelijk gebied Flevoland

— Friesland: artikel 2 van de Kadersubsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied provincie Fryslân 2007

— Noord-Brabant: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk Gebied 2007

— Noord-Holland: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Noord-Holland 2007

— Overijssel: artikel 6.10 en 8.3 van het Uitvoeringsbesluit subsidies Overijssel

— Utrecht: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied provincie Utrecht 2006

— Zeeland: artikel 2 van de PMJP Subsidieregeling Inrichting Landelijk Gebied Zeeland

— Zuid-Holland: artikel 7.8 van de Algemene subsidieverordening Zuid-Holland

— Zuid-Limburg: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Limburg.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħti lill-kumpanija:** L-iskema ta' għajnuna hija ffinanzjata mill-ammont żejjed (2,32 miljun EUR) skond il-miżura 323 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 40 % tan-nefqa referuta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, sa massimu ta' 200 000 EUR matul tliet snin finanzjarji.

**Data ta' implimentazzjoni:** Il-ħlasijiet ma jsirux qabel jiġi approvat il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali mogħtija:** Sal-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-għajnuna tingħata skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk relatati ma' l-investiment fil-konservazzjoni. L-għan huwa li jiġi ppreservat u mtejjeb il-wirt rurali permezz tal-konservazzjoni tal-pajsaġġi tradizzjonali u tal-binjiet tal-farms.

**Settur(i) konċernat(i):** L-impriżi agrikoli kollha li jipproduċu prodotti riferuti fl-Anness I tat-Trattat tal-KE.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Il-provinċji ta' (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant tat-Tramuntana, l-Olanda tat-Tramuntana, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda tan-Nofsinhar, Limburg tan-Nofsinhar)

**Indirizz ta' l-internet:**

http://www.regiebureau-pop.nl/nl/info/4/57/provinciale-subsidieverordeningen/

**Tagħrif ieħor:** Skond l-Artikolu 11(3) tal-WILG (Att dwar l-Iżvilupp Rurali), il-kunsilli provinċjali tad-diversi provinċji għandhom jaddottaw Ordinanzi ta' Sussidji (Provinċjali) dwar miżuri li huma eliġibbli għall-EAFRD parzjalment iffinanzjat skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Skond l-Artikolu 11 (3) tal-WILG, dawn l-Ordinanzi ta' Sussidju għandhom jiġu approvati mill-Ministru għall-Agrikoltura, l-Ambjent u l-Kwalità ta' l-Ikel. Qabel ma jsir dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-ewwel tapprova l-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż. Għalhekk, (is-sezzjonijiet ta') l-Ordinanzi Provinċjali ta' Sussidju li jimplimentaw il-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż għall-perjodu 2007-13 għad għandu jiġi approvat mill-Ministru għall-Agrikoltura, l-Ambjent u l-Kwalità ta' l-Ikel.

---

**Numru XA:** XA 80/07

**Stat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** Provinċji (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant ta' Fuq, l-Olanda ta' Fuq, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda ta' Isfel, Limburg ta' Isfel)

**Titlu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew l-isem tal-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Provinciale subsidieverordeningen (omschrijving steun: Niet productieve investeringen, onderdeel verplaatsing van bedrijven gelegen in hydrologische bufferzones).

**Bażi ġuridika:**

— Artikel 11, derde lid, Wet inrichting landelijk gebied

— Provinciewet: artikel 105, artikel 145, artikel 158.

Provinciale subsidieverordeningen:

— Drenthe: artikel 3 van de Subsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied

— Gelderland: artikel 2 van de Subsidieregeling vitaal Gelderland 2007

— Groningen: artikel 9 van de Uitvoeringsregeling subsidies inrichting landelijk gebied 2006

— Flevoland: artikel 2 van de Subsidieregeling inrichting landelijk gebied Flevoland

— Friesland: artikel 2 van de Kadersubsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied provincie Fryslân 2007

— Noord-Brabant: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk Gebied 2007

— Noord-Holland: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Noord-Holland 2007

— Overijssel: artikel 6.10 en 8.3 van het Uitvoeringsbesluit subsidies Overijssel

— Utrecht: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied provincie Utrecht 2006

— Zeeland: artikel 2 van de PMJP Subsidieregeling Inrichting Landelijk Gebied Zeeland

— Zuid-Holland: artikel 7.8 van de Algemene subsidieverordening Zuid-Holland

— Zuid-Limburg: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Limburg.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħti lill-kumpanija:** L-iskema ta' għajnuna hija ffinanzjata mill-ammont żejjed (181,14 miljun EUR) skond il-miżura 216 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-għajnuna mgħotija skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 tkopri 10 % tan-nefqa għax-xiri ta' art agrikola ġdida (art mhux għal finijiet ta' konstruzzjoni), kif stipulat f'Artikolu 4(8) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, iżda mhux aktar milli hu ekwivalenti għal:

— in-numru ta' ettari ta' artijiet agrikoli fis-sit l-antik trasferuti mill-farm għal għand il-*Bureau Beheer Landbouwgronden* (Uffiċju ta' Ġestjoni ta' Art Agrikola) jew għal għand parti terza (permezz ta' klawsola perpetwa) mmultiplikat b'aktar minn 3 000 EUR:

— 6 % tal-prezz tax-xiri ta' l-art agrikola fis-sit il-ġdid.

L-għajnuna mogħtija skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 tkopri 100 % ta' l-ispejjeż li jirriżultaw mit-trasferiment tal-bini tal-farms, kif imsemmi f'Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Data ta' implimentazzjoni:** Il-ħlasijiet ma għandhomx isiru qabel ma jiġi approvat il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali mogħtija:** Sal-31 ta' Diċembru 2013.

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-għan huwa li jiġu ssalvagwardjati l-bijodiversità u l-konservazzjoni, ir-restawr, l-iżvilupp u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. F'dan il-kuntest, il-farms li huma fiż-żoni ta' lqugħ idroloġiċi skond in-Natura 2000 jew l-EHS (Netwerk Ekoloġiku Nazzjonali) jistgħu jiġu mħeġġa mill-awtoritajiet biex jitrasferixxu lejn x'imkien ieħor, ħalli wara, l-art agrikola li tinsab fiż-żoni ta' lqugħ idroloġiċi tiġi mgħarrqa b'mod permanenti. Il-farms għandhom ibigħu l-artijiet agrikoli tagħhom lill-*Bureau Beheer Landbouwgronden*, bl-ebda dritt ta' użu għalihom, għall-prezz li jġibu fis-suq miftuħ (valur tas-suq rappreżentattiv), jirreġistrawhom fl-iskema ta' konsolidazzjoni ta' l-art jew ibigħu lil parti terza (bi klawsola perpetwa li tgħid li l-użu ta' l-art hija suġġetta għal ċerti restrizzjonijiet, fosthom il-livelli ta' l-ilma għoljin). Imbagħad il-bidwi jixtri art agrikola ġdida x'imkien ieħor.

L-għajnuna mogħtija skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 hija konformi ma' l-Artikolu 4(8) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

L-ispejjez eliġibbli huma dawk relatati max-xiri ta' art agrikola ġdida (art mhux għal finijiet ta' kostruzzjoni) għat-trasferiment tal-farm: 10 % tan-nefqa tax-xiri ta' art agrikola ġdida (art mhux għal finijiet ta' konstruzzjoni), kif stabbilit f'Artikolu 4(8) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, iżda mhux aktar milli ekwivalenti għal:

— in-numru ta' ettari ta' art agrikola fis-sit l-antik trasferiti mill-farm għal għand il-*Bureau Beheer Landbouwgronden* jew għal parti terza (b'klawsola perpetwa) mmultiplikat b'aktar minn 3 000 EUR:

— 6 % tal-prezz tax-xiri ta' l-art agrikola fis-sit il-ġdid.

L-għajnuna mogħtija skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 hija konformi ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Huma eliġibbli biss dawk l-ispejjeż relatati man-nefqa involuta fit-trasferiment tal-bini tal-farm. Dawn jistgħu jinkludu:

— 100 % tal-valur taxxabbli tal-bini tal-farm li jridu jitbattlu;

— l-ispejjeż għat-twaqqieħ tal-bini li jridu jitbattlu;

— ħlasijiet legali;

— ħlasijiet tar-reġistru ta' l-artijiet;

— spejjeż involuti għas-servizzi ta' l-espert (konsulenza) (aġenti immobiljari, accountants);

— spejjeż tat-tneħħija.

**Settur(i) konċernat(i):** L-impriżi agrikoli kollha li jipproduċu prodotti msemmija fl-Anness I tat-Trattat tal-KE.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Provinċji (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant ta' Fuq, L-Olanda ta' Fuq, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda ta' Isfel, Limburg ta' Isfel).

**Indirizz ta' l-internet:**

http://www.regiebureau-pop.nl/nl/info/4/57/provinciale-subsidie-verordeningen/

**Tagħrif ieħor:** Skond l-Artikolu 11(3) tal-WILG (Att dwar l-Iżvilupp Rurali), il-Kunsilli provinċjali tad-diversi provinċji għandhom jaddottaw Ordinanzi ta' Sussidji (Provinċjali) dwar miżuri li huma eliġibbli għall-kofinanzjament mill-EAFRD skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Skond l-Artikolu 11(3) tal-WILG, dawn l-Ordinanzi ta' Sussidju għandhom jiġu approvati mill-Ministru għall-Agrikoltura, Ambjent u Kwalità ta' l-Ikel. Qabel ma jseħħ dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-ewwel tapprova l-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż. Għalhekk, (sezzjonijiet ta') l-Ordinanzi Provinċjali ta' Sussidju li jimplimentaw il-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż 2007-13 għad għandhom jiġu approvati mill-Ministru għall-Agrikoltura, Ambjent u Kwalità ta' l-Ikel.

---

**Numru XA:** XA 81/07

**L-Istat Membru:** L-Olanda

**Ir-Reġjun:** —

**Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem tal-kumpanija benefiċjarja ta' l-għajnuna individwali:** Regeling LNV-subsidies (omschrijving steun: Activiteiten op het gebied van voorlichting en afzetbevordering).

**Bażi ġuridika:**

— Regeling LNV-subsidies: artikel 1:2, artikel 1:3, artikel 1:20; artikel 2:1; artikel 2:58, artikel 2:60; artikel 2:61

— Openstellingsbesluit LNV-subsidies.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** L-iskema ta' l-għajnuna hija ffinanzjata mit-*top-up* (0,43 miljun EUR) għal folja 133 tal-Programm ta' l-Iżvilupp Rurali 2007-2013.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 70 % mill-ispejjeż li ġejin:

— in-nefqa dwar it-tqassim ta' għarfien tekniku u xjentifiku dwar il-prodotti koperti mill-iskema dwar il-kwalità ta' l-ikel;

— in-nefqa għall-organizzazzjoni jew is-sehem waqt fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, jew avvenimenti ta' relazzjonijiet pubbliċi simili oħra marbuta ma' prodottti koperti minn skema dwar il-kwalità ta' l-ikel;

— in-nefqa għar-reklamar tal-prodotti koperta mill-iskema dwar il-kwalità ta' l-ikel permezz ta' diversi midja jew ħwienet tal-bejgħ.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-Iskema tas-Sussidji għan-Natura u l-Kwalità ta' l-Ikel tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2007, iżda għadha mhijiex disponibbli għal din is-sezzjoni.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għotja ta' l-għajnuna individwali:** Tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan ta' l-għajnuna:** L-għoti ta' l-għajnuna lil miżuri informattivi u promozzjonali jqanqal il-kuxjenza tal-konsumaturi dwar is-sistemi ċċertifikati ta' kwalità (u l-importanza tagħhom) u jħejjihom aħjar biex jużawhom bħala bażi informattiva għad-deċiżjonijiet dwar ix-xiri.

L-iskema ta' għajnuna tikkonforma ma' l-Artikolu 15(2)(d), u (e), (3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur(i) kkonċernat(i):** Il-gruppi tal-produtturi

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Ministerie van Landbouw Natuur en Voedselkwaliteit
Postbus 20401
2500 EK Den Haag
Nederland

**Websajt:** ww.minlnv.nl/loket

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 82/07

**Stat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** —

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew l-isem tal-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Regeling LNV-subsidies (omschrijving steun: Deelname door landbouwers aan voedselkwaliteitsregelingen).

**Bażi ġuridika:**

— Regeling LNV-subsidies: artikel 1:2, artikel 1:3, artikel 1:20, artikel 2:1; artikel 2:50, artikel 2:52; artikel 2:53; artikel 2:55; artikel 2:56; artikel 2:57

— Openstellingsbesluit LNV-subsidies.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħti lill-kumpanija:** L-għajnuna hija ffinanzjata mill-ammont żejjed (0,43 miljun EUR) skond il-miżura 132 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 100 % ta' l-ispejjeż imsemmijin fl-Artikolu 14(2)(d) u (e) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, b'massimu ta' 3 000 EUR għal kull sena li l-impriża tieħu sehem fi skema ta' kwalità ta' l-ikel; għal kull impriża, l-għajnuna tingħata sa perjodu massimu ta' 5 snin.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-iskema tas-sussidju tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2007. Il-ħlasijiet ma jsirux qabel jiġi approvat il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013 inkluż.

**Għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' l-għajnuna hu li tiġi promossa l-produzzjoni tal-prodotti agrikoli ta' kwalità billi l-bdiewa jiġu inkoraġġiti biex (jibqgħu) jieħdu sehem fil-kwalità tas-sistemi (f'dan il-każ biedja organika). L-ispejjeż eliġibbli jinkludu spejjeż fissi marbutin mal-parteċipazzjoni fl-iskema ta' kwalità ta' l-ikel, li jinkludu l-ispejjeż ta' l-ispezzjonijiet marbutin mal-parteċipazzjoni.

L-għajnuna hija konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14(2)(d) u (e) u Artikolu 14(3) sa (6) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Settur(i) konċernat(i):** L-impriżi agrikoli primarji kollha li jipproduċu prodotti msemijin fl-Anness I tat-Trattat tal-KE.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministerie van Landbouw Natuur en Voedselkwaliteit
Postbus 20401
2500 EK Den Haag
Nederland

**Indirizz ta' l-internet:** ww.minlnv.nl/loket

**Informazzjoni oħra:** —

---

**Numru XA:** XA 83/07

**Stat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** Provinċji (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant ta' Fuq, l-Olanda ta' Fuq, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda ta' Isfel, Limburg ta' Isfel)

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew l-isem tal-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Provinciale subsidieverordeningen (omschrijving steun: De infrastructuur voor de ontwikkeling/aanpassing van landbouw, onderdeel herverkavelingsprojecten).

**Bażi ġuridika:**

— Artikel 11, derde lid, Wet inrichting landelijk gebied

— Provinciewet: artikel 105, artikel 145, artikel 158.

Provinciale subsidieverordeningen:

— Drenthe: artikel 3 van de Subsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied

— Gelderland: artikel 2 van de Subsidieregeling vitaal Gelderland 2007

— Groningen: artikel 9 van de Uitvoeringsregeling subsidies inrichting landelijk gebied 2006

— Flevoland: artikel 2 van de Subsidieregeling inrichting landelijk gebied Flevoland

— Friesland: artikel 2 van de Kadersubsidieverordening Inrichting Landelijk Gebied provincie Fryslân 2007

— Noord-Brabant: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk Gebied 2007

— Noord-Holland: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Noord-Holland 2007

— Overijssel: artikel 6.10 en 8.3 van het Uitvoeringsbesluit subsidies Overijssel

— Utrecht: artikel 3 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied provincie Utrecht 2006

— Zeeland: artikel 2 van de PMJP Subsidieregeling Inrichting Landelijk Gebied Zeeland

— Zuid-Holland: artikel 7.8 van de Algemene subsidieverordening Zuid-Holland

— Zuid-Limburg: artikel 2 van de Subsidieverordening inrichting landelijk gebied Limburg.

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħti lill-kumpanija:** L-għajnuna hija ffinanzjata mill-ammont (78 miljun EUR) skond il-miżura 125 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Intensità massima ta' għajnuna:** 40 %, jew 50 % f'żoni problematiċi, ta' l-ispejjeż kif riferuti fl-Artikoli 4(4) u 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

L-għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 hija mogħtija billi jiġu kkunsidrati:

— l-Artikolu 4(8) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006;

— l-ammont massimu ta' għajnuna kif riferut fl-Artikolu 4(9) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 (400 000 EUR matul tliet snin fiskali għal kull impriża; 500 000 EUR matul tliet snin fiskali għal kull impriża f'żoni problematiċi).

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Il-ħlasijiet ma jsirux qabel jiġi approvat il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-13.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013 inkluż.

**Għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' l-għajnuna hu biex titjieb l-istruttura tat-tqassim ta' art fl-agrikoltura sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' produzzjoni jew li jiġi priservat u mtejjeb l-ambjent.

Fir-rigward ta' l-għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006: L-ispejjeż eliġibbli jinkludu l-ispejjeż ta' investiment li jridu jsiru mill-intrapriżi agrikoli primarji kif riferut fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Fl-ambitu ta' l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, dan jirrigwarda n-nefqa dwar *inter alia*:

— l-ispejjeż tal-periti, ta' l-inġiniera, tal-konsulenti u ta' l-istudji ta' vijabbiltà;

— l-ispejjeż tax-xogħol biex art ġdida tkun tista' tinħadem;

— spejjeż biex art agrikola issir aċċessibli billi jinbnew toroq jew infrastruttura oħra fl-azjendi agrikoli;

— spejjeż għall-miżuri tekniċi ta' l-azjendi agrikoli maħsuba għal prevenzjoni ta' konsegwenzi negattivi għaż-żoni tal-madwar bir-riżultat ta' tqassim ta' art;

— spejjeż għall-investiment fl-azjendi agrikoli fil-miżuri ta' ġestjoni ta' l-ilma minbarra xogħol fid-drenaġġ.

L-għajnuna hija konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

Fir-rigward ta' l-għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006: L-għajnuna hija konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-ispejjeż eliġibbli jinkludu l-ispejjeż tal-proċess ta' bdil (spejjeż legali u amministrattivi).

**Settur(i) konċernat(i):** L-impriżi primarji agrikoli kollha li jipproduċu prodotti riferuti fl-Anness I tat-Trattat tal-KE.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Provinċji (Drenthe, Gelderland, Groningen, Flevoland, Friesland, Brabant ta' Fuq, l-Olanda ta' Fuq, Overijssel, Utrecht, Zeeland, l-Olanda ta' Isfel, Limburg ta' Isfel)

**Indirizz ta' l-internet:**

http://www.regiebureau-pop.nl/nl/info/4/57/provinciale-subsidie-verordeningen/

**Informazzjoni oħra:** Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 11(3) tal-Liġi dwar l-istruttura taż-żoni rurali, l-istati provinċjali tad-diversi provinċji għandhom jistabbilixxu ordinanzi ta' sussidju (provinċjali) fl-ambitu tal-miżuri li, skond ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, huma eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-EAFRD. Skond Artikolu 11(3) tal-Liġi dwar l-istruttura taż-żoni rurali, dawk l-ordinanzi ta' sussidju għandhom jiġu approvati mill-Ministru ta' l-Agrikoltura, Ambjent u Kwalità ta' l-Ikel.Dan ma jistax iseħħ qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tkun approvat il-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż. L-ordinanzi provinċjali ta' sussidju (jew parti minnhom) li jimplimentaw il-Programm ta' Żvilupp Rurali Olandiż 2007-13 għad għandu jiġi approvat mill-Ministru għall-Agrikoltura, Ambjent u Kwalità ta' l-Ikel.